# Il-Politika Barranija ta Malta

# Principji Gwida

Il-Politika Barranija ta' Malta għandha tiffoka fuq u tikkonsolida il-vokazzjoni u l-impenn tagħha fit-tfittix għall-paċi u sigurtà internazzjonali, id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni. Malta se tkompli tipparteċipa b'mod attiv fix-xogħol u l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll f'dawk ta' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali u reġjonali. Fl-istess waqt, Malta se tkompli tfittex li tkabbar ir-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi li diġa' jeżistu, issaħħaħ oħrajn u timbotta 'l quddiem relazzjonijiet ma' entitajiet ġodda.

Malta beħsiebha tagħti attenzjoni speċjali lid-dimensjoni Mediterranja fil-kontribuzzjoni tagħha għal stabbilità, paċi u sigurtà fir-reġjun. B'mod speċifiku dawn il-Prinċipji Gwida għandhom il-għan li:

## <u>Unjoni Ewropea</u>

• **Jissarrfu** l-benefiċċji kollha mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea permezz ta' użu effettiv tal-faċilitajiet u r-riżorsi ta' Malta u billi tassigura li dawn il-benefiċċji jkunu mqassma b'mod indaqs fis-soċjeta' inġenerali.

• **Isir sforz biex jissaħħaħ** l-irwol attiv ta' Malta fi ħdan l-Unjoni Ewropea biex tressaq in-nies aktar viċin il-proġett Ewropew.

• **Jikkontribwixxu** b'mod effettiv għat-tisħiħ politiku, ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-Ewropa b'enfasi fuq ilkunċett bażiku ta' solidarjetà f'kull aspett.

• **Jiffukaw** fuq l-isfidi li għandhom iwasslu sa meta Malta tieħu f'idejha l-Presidenza tal-UE fl-2017, b'hekk dan l-avveniment storiku jingħex tassew minn kulħadd fi spirtu ta' għaqda nazzjonali u Ewropea.

## Relazzjonijiet Bilaterali

• **Jippromovu** l-pożizzjoni ġeo-strateġika ta' Malta fil- Mediterran bħala reġjun u ċentru internazzjonali għallinvestiment il-kummerċ, l-edukazzjoni, is-saħħa, it-turiżmu u l-kultura.

• **Jitkattru u jippromovu** aktar ir-relazzjonijiet bilaterali ta' Malta fuq livell politiku, ekonomiku u kulturali ma' pajjiżi ġirien ta' Malta u lil hinn.

• **Jintensifikaw** ir-relazzjonijiet bilaterali ta' Malta ma' sħabna fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li ttejjeb ir-relazzjonijiet eżistenti u tagħti spinta 'l quddiem lir-rabtiet aktar mill-qrib ma' ekonomiji ewlenin u ma' ekonomiji emerġenti ġodda.

• **Jagħtu appoġġ** lil pajjiżi ġirien fil-ħidma tagħhom sabiex jistabbilixxu demokraziji ibbażati fuq il-prinċipji tal-ġustizzja, tal-liberta' u l-istat tad-dritt.

• **Iħaddmu** l-kunċetti ta' diplomazija kulturali u ekonomika bħala għanijiet ewlenin għat-tisħiħ ta' ekonomija msejsa fuq l-esportazzjoni u li tħajjar investiment dirett barrani lejn Malta.

## Affarijiet Multilaterali

• **Jaraw li Malta tieħu** sehem attiv u tikkontribwixxi b'mod effettiv, flimkien ma' sħab mill-Unjoni Ewropea kif ukoll ma' Stati Membri oħra fl-attivitajiet tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Reġjonali speċjalment il-Ġnus Magħquda, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa u l-Commonwealth, fost l-oħrajn.

• **Itennu** l-impenn b'saħħtu ta' Malta lejn: il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet umani kollha u l-libertajiet fundamentali; il-ġlieda kontra l-vjolazzjoni ma taqta' xejn tal-liġi umanitarja internazzjonali; il-ħarsien minn diskriminazzjoni u l-protezzjoni tal-minoritajiet; u l-promozzjoni tal-istat taddritt bħala kontribut effettiv għall-ħarsien u r-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti permezz ta' mekkaniżmi demokratiċi li jinkludu l-medjazzjoni.

• **Jikkontribwixxu** fit-tfittix għal miżuri aktar stretti kontra t-tixrid ta' armi tal-qirda tal-massa u l-mezzi biex dawn ikunu mwassla fid-destinazzjoni tagħhom, kif ukoll it-tixrid tal-armi konvenzjonali.

• **Jaraw li jingħata appoġġ** sħiħ u kontinwu għal kull sforz fil-ħidma li għaddejja biex jitkompla l-Proċess ta' Paċi bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani, bil-għan li jintlaħaq ftehim ta' paċi dejjiemi u komprensiv li jinkludi s-soluzzjoni ta' żewġ Stati.

• **Ikun hemm iżjed impenn** biex Malta tikkopera u tikkollabora aktar mill-qrib ma' pajjiżi oħra fl-isforzi biex tilqa' u tikkumbatti t-terroriżmu billi tappoġġja inizjattivi u mekkaniżmi għad-difiża mit-terroriżmu billi tinkorpora r-rispett lejn id-drittijiet umani u l-istat tad-dritt, b'attenzjoni partikolari lejn il-vittmi ta' atti terroristiċi.

• **Insaħħu**, bħala Stat marittimu, b'sehem attiv u b'appoġġ għal istituzzjonijiet u mekkaniżmi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali li jiffukaw l-irwol ewlieni tagħhom fuq temi marittimi, inkluż il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tarriżorsi marittimi.

• **Nieħdu** rwol aktar parteċipattiv fil-qasam ta' assistenza umanitarja u ta' żvilupp fil-kuntest tal-isforz mill-komunità internazzjonali biex ikun meqrud il-faqar u jkun sostnut l-iżvilupp fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, bil-għan li jkunu milħuqa l-Miri tal-Millennju għall-Iżvilupp sal-2015 u lil hinn. F'dan il-kuntest, Malta se tibqa' tappoġġja ilprogram ta' Assistenza Barranija għall-Iżvilupp u għajnuna umanitarja.

• **Tingħata** attenzjoni partikolari lill-isfidi serji li ġejjin mill influss kontinwu ta' immigranti rregolari fil-kuntest tal- Mediterran u l-effetti serji fuq Malta.

• **Jagħtu** appoġġ lil dawk l-istituzzjonijiet internazzjonali u reġjonali f'Malta kif ukoll jattiraw organizzazzjonijiet simili oħra lejn Malta.

• **Jkunu** indirizzati b'mod sħiħ temi oħra globali.

**<u>Il-Mediterran</u>**

• **Jaffermaw mill-ġdid** il-vokazzjoni u d-determinazzjoni ta' Malta li taħdem għat-tisħiħ tal-paċi u s-sigurtà fil-Mediterran li huma direttament marbuta mal-paċi u s-sigurtà fl- Ewropa.

• **Jinżamm l-impenn** ta' Malta li tappoġġja kull sforz għall protezzjoni tal-ambjent u r-riżorsi marittimi tal-baħar tal- Mediterran.

• **Nipparteċipaw** bi sħiħ f'kull fora internazzjonali u reġjonali sabiex il-Mediterran jinbidel f'post ta' djalogu, paċi, koperazzjoni, stabbiltà u prosperità.

**<u>Il-Maltin li Jgħixu Barra</u>**

• **Tkun assigurata** konsultazzjoni regolari u eqreb mal- Maltin li jgħixu barra.

• **Ikunu msaħħa** relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi mal-pajjiżi fejn emigraw il-Maltin.

• **Jinkoraġġixxu** is-sehem tal-Maltin li jgħixu barra biex ikunu kkumplimentati l-isforzi ta' promozzjoni għal Malta, b'mod speċjali il-faċilitajiet kummerċjali u ta' negozju tagħha fil-pajjiżi rispettivi fejn jgħixu l-Maltin.

• **Jgħinu** u jiffaċilitaw ix-xogħol u l-attivitajiet tal-Kunsill għall- Maltin li Jgħixu Barra.

**<u>Rappreżentanza Maltija f'Pajjiżi Barranin</u>**

• **Jiżdied** is-sehem tal-Ambaxxati u l-Uffiċċji Konsolari filtixrid tal-arti, l-iStorja u l-kultura b'aċċenn partikolari fuq il-Belt Valletta bħala l-Belt Kapitali Kulturali Ewropea għassena 2018.

• **Jissaħħu** l-isforzi fit-tiftix ta' kummerċ ġdid u opportunitajiet ta' investiment.

• **Isir investiment** fit-taħriġ tal-uffiċjali Maltin biex dawn ikollhom il-ħiliet meħtieġa fil-promozzjoni ta' prodotti Maltin għall-esportazzjoni u jkunu jistgħu jiġbdu aktar investiment dirett barrani lejn Malta.

• **Ikunu megħjuna** ċittadini Maltin barra minn Malta permezz ta' servizz konsolari aktar b'saħħtu u effiċjenti.

• **Jitwessgħu** r-relazzjonijiet kummerċjali ma' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-ekonomiji dinjija ewlenin u dawk emerġenti ġodda.